KUNSILL LOKALI BORMLA | IS-SITT KUNSILL

MINUTI | SEDUTA NRU. 26
B'URĠENZA

**L-ERBGĦA 16 TA' MARZU, 2011**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' b'urġenza nhar il-Ħamis 17 ta' Frar, 2011 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċju Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI ( Sebgħa Kunsillieri )**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella, James Cauchi, Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

**AĠENDA**

1. Progett tal-Bacir Nru. 1

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**26/01 IL-PROĠETT TAL-BAĊIR NRU. 1**

Is-Sindku rrefera għall-iżvilupp li qed isir fil-baċir nru. 1 u rrefera għall-artiklu li deher fil-ġurnal 'The Times of Malta' li ġie ppublikat min-nies li m'għandhomx informazzjoni korretta dwar l-iżvilupp li qed isir.

Fl-artiklu hemm miktub li fil-lokal se jingħaqad forum u se jiltaqa' biex issir diskussjoni fil-Muzew Bir Mula Heritage. Din id-diskussjoni se ssir għall-pubbliku in ġeneral tal-Kottonera u se tirrigwardja l-iżvilupp tal-Baċir Nru. 1 u t-tneħħija ta' siġar fi Triq ix-Xatt, Bormla.

Is-Sur John Vella qal li wara li qara l-artiklu fil-gazzetta, huwa qalilhom li qabel ma ssir il-laqgħa msemmija, il-forum għandu qabel xejn jiltaqa' mal-Kunsill Lokali biex jieħu l-informazzjoni neċessarja dwar il-proġett u għalhekk nixtieq nota tas-Sur John Vella kien hemm id-deċiżjoni li minħabba li jista' jkun hemm kunflitt ta interess ġie rifjutat minnħabba stess li l-laqgħa ssir fil-post imsemmi.

Intqal li l-ewwel artiklu li deher fil-media kien miktub minn Miriam Fiorini fejn ikkritikat in-nuqqas ta' nformazzjoni lir-residenti u t-tneħħija tas-siġar. Intqal ukoll li l-MEPA kienet irrispondiet tajjeb ħafna lil Miriam Fiorini.

Kien hemm proposta li l-Kunsill għandu joħroġ stqarrija stampa u ninfurmaw lill-pubbliku li dawn qatt ma kkonsultaw lill-Kunsill biex jaraw pjanti jew jiksbu informazzjoni dwar il-proġett.

Finalment, il-Kunsill unanimament approva li tinħareġ stqarrija stampa b'risposta għaż-żewġ artikli li deheru fl-istampa.

Il-laqgħa għalqet fit-8.30pm.

Joseph Scerri
Sindku

Joseph Caruana
Segretarju Eżekuttiv